**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Denise Mula)

**vs**

**Ali Ibrahim Alamari Kraimal**

Illum 8 ta` Marzu 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Ali` Ibrahim Alamari Kraimal, ta` 32 sena, ta` nazzjonalita` Libjana, bin Ibrahim u Sliema, imwieled Khoms fil-5 ta` dicembru 1969 u li ghandu passaport bin-numru 248112

1. Talli matul l-ahhar jiem f`dawn il-Gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f`passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;

2. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

3. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissiggilaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta` propjeta` pubblika jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika wkoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera,

4. Talli matul l-ahhar xhur, minghajr ma nghata permess ta` residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghad l-Ufficcjal Principali tal-immigrazzjoni;

5. Talli ttanta jesporta minn dawn il-Gzejjer ghasafar hajjin illi l-valur taghhom huwa `l-fuq minn ghoxrin lira izda mhux izjed minn hames mitt lira maltin, minghajr ma kellu licenza mahruga mid-Direttur tal-Kummerc;

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati;

Rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 172 u 176 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 217, l-Artikolu 3 tar-Regolamenti Dwar il-Kontroll ta` l-Esportazzjoni u l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Tikkundannah **sentejn (2) prigunerija liema sentenza m`ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat soggett ghall-prigunerija fi zmien tlett (3) snin mill-lum.** Il-Qorti qed tapplika l-Artikolu 28A fuq imsemmi stante l-kondotta nadifa ta` l-akkuzat u qed twissih skond il-ligi.

Tordna **l-konfiska ta` l-ghasafar** imsemmija fl-akkuza b`dan li ghandhom jintbaghtu lid-Dipartiment ta` l-Ambjent.

Il-Qorti tiddikjara lil hati immigrant ipprojbit u tordna l-hrug ta` **Ordni ta` Tnehhija** kontrih skond l-Artikolu 14 u 15 tal-Kapitolu 217.

Vera kopja.

Dr Jos Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.